13 ta' Diċembru, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giovanni Bartolo *versus* Antonio Borg

## Lokazzjoni d'Opera — Appalt — Kummerċjant — Kompetenza

*Negozju ġuridiku konsistenti fl-intrapriża ta' rikostruzzjoni jew ripristinament ta' bini anness ma' dar huwa anċillari ma' intrapriża ta' bini; u n-natura ta' dik l-operazzjoni hija kummerċjali. U min jintrapprendi, permezz tan-nies tiegħu u b'materja provveduta minnu, li jirrikostruwixxi jew jirripristina bini li ġie danneġġjat bil-ħidma tal-għadu, u bil-fehma li jitħallas tax-xogħol tiegħu minn għand il-War Damage Commission, mhux lokatur tal-opra, imma appaltatur li jassumi li jagħmel opra bi prezz determinat.*

*Min hu soltu jaħdem, mhux b'salarju u taħt id-direzzjoni ta' ħadd ieħor u b'materja fornita minn terza persuna jew mill-kommittenti, imma regolarment jassumi li jagħmel opra determinata kontra pagament fissat in raġuni tal-valur tal-opra minn qabel, b'impieg ta' materjal fornit minnu stess, u, meta x-xogħol ikun jirrikjedi ħafna idejn, jimpjega ħaddiema miegħu u jħallashom minn butu, mhux sempliċi lokatur tal-opra, imma kottimista, li huwa kunsidrat bħala industrjalist; li jista' jkun kbir jew żgħir, imma hu kunsidrat dejjem bħala kummerċjant.*

*Għaldaqstant, azzjoni tal-kommittent kontra persuna li tassumi li tagħmel xogħol taħt iċ-ċirkustanzi hawn fuq delineati, u relattivament għal dak ix-xogħol, hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti;— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-attur kien qabbad lill-konvenut biex jirripara bir danneġġjat b'ħidma tal-gwerra fil-fond 22 Tower Lane, Kospikwa; u peress illi l-konvenut ma kkompletax ix-xogħol tal-istess bir skond il-ftehim, u ma eżegwiex ix-xogħol skond ma kellu jkun, skond l-arti u skond il-ftehim; u peress illi għalhekk il-konvenut kien obliga ruħu li jmur ilesti x-xogħol u jerġa' jagħmel sewwa dak li ma kienx sar skond il-ftehim u skond l-arti; u peress illi, non ostante dan, il-konvenut naqas minn dan l-obligu assunt minnu; talab li l-konvenut jiġi kundannat minn din l-Onorabbli Qorti biex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu fissat, jikkompleta x-xogħolijiet tal-bir fuq imsemmi u jagħmel skond il-ftehim u skond l-arti dawk ix-xogħolijiet li ma sarux hekk, billi, fil-każ li l-konvenut jonqos milli jagħmel dan fit-terminu li jiġi prefiss, l-attur stess ikun awtorizzat biex jagħmel l-istess xogħolijiet a spejjeż ta' l-istess konvenut. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-provi rriżulta li l-konvenut huwa persuna li għandha s-sengħa ta' bajjad; iżda però, meta tiġieħ l-okkażjoni, jintrapprendi li jieħu xogħol affini, bħal ma huwa dak li hawn imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni; u meta x-xogħol assunt ma jistax jiġi magħmul mill-konvenut waħdu, huwa normalment jimpjega n-nies jew ħaddiema miegħu temporaneament, u jintriga mix-xiri tal-materja prima u jispekula fuqha. Jingħad li l-konvenut normalment u ġeneralment ma jaħdimx bil-ġurnata, imma dejjem ħadem bl-imqieta, tant meta assuma xogħol waħdu, kemm meta ħadem bil-lavranti u għamilha ta' mgħallem fuqhom;

Fil-każ in diżamina, l-attur, li huwa kuntrattur u kummerċjant, kif huwa stess ammetta, kellu d-dar imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, li hija ta' proprjetà tiegħu, u ddetermina ruħu li huwa jtellagħha bil-kumpens tal-War Damage Commission; u f'dina l-istess dar kien hemm il-bir in kwistjoni, li kien in parti mblukkat bil-materjal u kellu bżonn tat-tiswija; u nkarika lill-konvenut, li aċċetta, biex jagħmel

dak kollu li kien meħtieġ sabiex jirripristinaħ fl-istat li għaliħ kien destinat, u l-konvenut indaħal għal dana x-xogħal *bil-konvenzjoni* li huwa, għal dana l-inkariku, jieħu dik is-somma li l-War Damage Commission kienet sejra tillawdja għall-fini fuq espress — somma li ma ġietx preventivament espressa, imma stabbilita per sempliċi riferenza. Għal dana l-fini, il-konvenut kellu *jħammel il-materjal* li kien fiħ dak il-bir stess, jittrasporta dak il-materjal mill-bir għall-istess post fejn kien ordnat għall-fini tal-bini, u jduru minn ġewwa billi jkaħħlu bis-siment u jirrendieħ att *għall-fini tiegħu*; u għalhekk huwa kellu *jaħseb* għall-materja prima (li kienet kompriża fis-somma destinata mill-War Damage Commission, u mhux jitħallas għaliha separatament); u *fil-fatt ġieb il-lavranti* tiegħu, li l-kommittenti ma kellux x'jaqsam mal-ħlas tagħhom. Irriżulta wkoll, mid-depożizzjoni tal-konvenut (li jidher li kien ġenwin fix-xhieda tiegħu, l-għaliex lanqas kien jaf l-għaliex qegħdin isirulu ħafna domandi fuq kif ħa x-xogħol u kif soltu kien jaħdem, l-għaliex kien biss, kif wera, preokkupat fuq il-meritu prinċipali), li huwa fl-operazzjoni "de qua" għamilha ta' *mgħallem* u qagħad jissorvelja x-xogħol tal-ħaddiema tiegħu, *li* prinċipalment għamlu x-xogħol *intrapriż*, konness mal-bir in kwistjoni. Qal ukoll illi, meta huwa aċċetta li jagħmel ix-xogħol, kien jaf li qiegħed jieħu, jew aħjar jassumi l-alea u riskju, u *li mill-operazzjoni* seta' *jaqla'* jew jitlef skond iċ-ċirkustanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, wara li ġew esposti l-fattijiet tal-kawża u r-retroxena tagħha, jingħad li l-eċċezzjoni preliminari mogħtija *mill-konvenut hija bażata fuq* (1) li l-konvenut huwa kummerċjant, (2) u fuq li n-natura ta' l-operazzjoni hija oġġettivament kummerċjali; ċioè tant soġġettivament kemm oġġettivament il-kawża tidħol fl-isfera tal-Qorti tal-Kummerċ;

Illi, peress li l-oġġettività tal-kawża **għandha** *jkollha* prevalenza fuq is-soġġettività tagħha, dina l-Qorti sejra teżamina l-ewwel il-materja, u mbagħad l-operazzjoni in relazzjoni għall-persuna;

Illi, dwar in-natura ta' l-operazzjoni, jingħad li n-negozju guridiku intrapriż mill-konvenut kien ancillari ma' intrapriża tal-opni ta' dar, li skond l-art 85, ittra (p), subsezzjoni VIII, tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għandha jkollha bir, u li wkoll, skond l-istess artikolu ċitat, ittra (f)(i), dak l-istess bir irid ikun kommunikat mal-bjut ta' l-istess dar kif imsemmi f'dak l-istess artikolu — liema intrapriża hija ta' natura kummerċjali (ara art. 5, ittri (h) u (i), Kodiċi tal-Kummerċ). Jingħad ukoll li min jintrapprendi permezz tan-nies tiegħu u l-materja prima provvduta minnu, li jirrikostruwixxi, jew aħjar jirripristina, bir li jkun ġie danneġġjat bil-ħidma tal-għadu, bil-fehma li jitħallas tax-xogħol tiegħu mingħand il-War Damage Commission, ċjoè jirrimetti ruħu għall-kumpens li tagħtieh dik il-Kummissjoni, mhux lokatur ta' l-opra, imma appaltatur li jassumi li jagħmel l-opra determinata bi prezz determinat; l-għaliex f'dik l-assunzjoni hemm il-presuppost ta' organizzazzjoni li għandha l-karattru ta' l-impriża li tiġi esplikata mill-attività li tiġi magħmula permezz ta' l-impieg ta' xogħol subordinat ta' ħaddieħor, kif jirriżulta li kien fil-każ in diżamina, fejn il-konvenut, bħala mgħallem, mhux ġa bħala artiġjan, ħa l-inkariku li jħammel u jġorr il-materjal, u jirfed il-bir bissiment u materjal aċċessorju, li huwa kellu jipprovdi u li l-kommittenti ma kellux x'jaqsam miegħu — xogħol indipendenti mill-istess kommittenti — u għar-riskju ta' l-istess eżekutur, u ċjoè il-konvenut, li meta ħadu għandu jiġi presuppost li ried jispekula fuq ix-xogħol tas-subordinati tiegħu u fuq il-materja prima adoperata;

Illi minn dana jidher li l-kawża ta' l-att, li hija l-linja ta' demarkazzjoni bejn att merament ċivili u att tal-kummerċ, kienet ta' natura kummerċjali (ara Mantelli, Giurisprudenza del Cod. di Commercio, Vol. I, paġ. 250 u ta' wara — Luigi Giuditti Tipografo-Libraio, 1844; u Sentenza tar-Regio Senato di Genova u Magistero del Consolato di Nizza tal-20 ta' Frar, 1839, hemm ċitata);

Illi kwindi oġġettivament, fil-ħsieb tal-Qorti, ir-rapport jew negozju guridiku "de quo agitur" kien ta' natura kummerċjali, u mhux ġa ta' sempliċi artiġjan, li prevalentement

jaħdem fix-xogħol li jieħu huwa, jew xi nies tal-familja tiegħu miegħu, jew xi nies oħra, b'dana li, meta jkun lest, l-istess eżekutur lill-kommittenti jagħmillu l-kont tal-granet tax-xogħol tiegħu, ta' niesu li ħadmu miegħu, jew ta' oħrajn li huwa adopera għall-lokazzjoni ta' l-opra, u fl-istess memorandum iniżżel il-kwantità ta' materjal adoperat u dettaljatament il-prezz tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi, dwar is-suġġett ta' l-operazzjoni msemmija, jingħad li l-konvenut dejjem soltu jaħdem mhux b'salarju u taħt id-direzzjoni ta' ħaddieħor u b'materjal fornit minn terzi persuni jew mill-kommittenti, imma regolarment jassumi li jagħmel opra determinata kontra pagament fissat in raġuni tal-valur ta' l-opra minn qabel, u b'impieg ta' materjal fornit minnu stess; u meta x-xogħol ikun tali li jirrikjedi ħafna jdejn, jimpjega ħaddiema oħra miegħu, li huwa jħallas minn butu. Dana l-mod ta' intrapriża ta' xogħol ma jikkostitwix sempliċi lokazzjoni ta' l-opra, imma impriża ta' kottimista (ara Baudry, Vol. II, P. II, para. 3862 Locazione; Laurent, Vol. XXVI, para. I, p. 1; Ricci, Diritto Civile, Vol. VIII, para. 227), li huwa kunsidrat bħala industrijali, li jista' jkun kbir jew żgħir, imma li huwa kunsidrat dejjem bħala kummerċjant, l-għaliex fl-operazzjonijiet tiegħu, apparti r-riskju, ikun qiegħed jispekula fuq ix-xogħol subordinat ta' ħaddieħor u fuq il-materja prima (ara argument riportat fis-sentenza tal-Prim'Awla Ċivili 28 ta' Frar, 1946, "Gio Maria Galea vs. Emmle. Mallia". Vol. XXXII-II-247);

Il-fatt, imbagħad, li l-prezz fil-każ in diżamina sar b'riferenza għall-kumpens li għal dak l-istess xogħol kellha toħroġ il-War Damage Commission għandu jitqies bħal li kieku ġie determinat minn qabel, kif analoġikament ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Marzu, 1920 in re "Vaudrey vs. Chircop" (Vol. XXIV-I-414); l-għaliex dak l-istess prezz ġew l-istess kontraenti jirrimettu ruħhom għalih;

Illi kwindi, la l-konvenut normalment jintrapprendi bħala kottimista xogħol li bih jispekula fuq il-materja prima fornita minnu u fuq ix-xogħol subordinat ta' ħaddieħor, huwa għandu jiġi kunsidrat bħala kummerċjant;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni konvenuta, u tiddikjara li dina l-kawża hija ta' kompetenza tal-Qorti Kummerċjali; bl-ispejjeż għall-attur.